# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 20 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru: 603/15 DMA**

**Joseph Vella**
**ID 963446M**

**Vs**

**Ryan Bartolo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2015 fejn l-attur talab illi r-rikorrent benna fond ossia garage il-fond Madre Tereza, fi Triq Maestro Giorgio Zarb, Tal-Handaq Qormi;

Illi llum il-kera giet terminata.

Illi baqa’ hlas ta elfejn hames mija u tletin ewro (€2,530) li jirraprezentaw assistenza ta’ hsara  fl-ammont ta’ elf hames mija u sitt ewro (€1,506), assistenza ta’ dawl

u ilma fl-ammont ta' erba` mija disgha u hamsin ewro u wiehed u sittin ewro (€459.61) kif ukoll hames mija u sebghin ewro (€570) rapprezentati spejjez ta' tindif.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikatipprezenta risposta fl-14 ta' Ottubru, 2015 fejn eccepixxa illi l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv u ezagerat stante illi:

1. Il-kirja dovuta ma hijiex fic-cifra mitluba mill-attur u ghalhekk l-ammont pretiz bhala arretrati ta' kera huwa ezagerat;
2. L-arretrati ta' hlas mill-attur ghall-kontijiet tad-dawl u ilma dawn huma ghal kollox errati u malizjuzi u ghalhekk l-ammont pretiz ghall-arretrati huwa wiehed esagerat;
3. Ma huwiex minnu li huwa neccessarju tindif jew li sar xi forma ta' tindiff mill-attur u ghalhekk l-ammont pretiz ghat-tindief ma huwiex dovut;
4. Illi l-konvenut ghamel hlasijiet zejda fuq kontijiet ta' dawl u ilma li ma humiex dovuti mill-esponent u li kellhom jigu rifuzi lura mill-attur izda ghadhom sal-lum qatt ma gew hekk rifuzi.

L-ebda imghax u spejjez ma huwa dovut peress li l-ammont kif dovut diga gie offrut lill-attur u rifjutat lilu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal semgha l-partijiet u ra d-dokumenti pprezentati.

It-Tribunal qed jigi nfurmat illi t-talba finalment qieghda tigi iffinalizzata ghal elf u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,060.25) skond fol. erbgha (4) tad-Dok. SC 1 kif ukoll maghhom wiehed izid hames mija u sebghin ewro (€570) tat-tindif u mija u sebgha u disghin ewro u erbghin centezmu (€197.40) zieda ta' hmistax fil-mija (15%).

Mix-xhieda hareg illi l-ammont ta' elf u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,060.25) huwa dovut fir-rigward ta' dawl u ilma li minnhom it-Tribunal ihoss li ghandu innaqas l-ammont ta' mitejn u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu

(€220.94) ghal mija u hamsin ewro (€150) minhabba li kien hemm pipe li jmur ximkien iehor. Minbarra dan it-Tribunal jordna l-hlas ta' mitejn u erbgha u sittin ewro (€264) ghal tindif fil-post u hasil tal-art bid-degreeser li l-konvenut jghid illi  ghandu jnehhi z-zjut mill-art. It-Tribunal fir-rigward tal-mija u sebgha u disghin ewro u erbghin centezmu (€197.40) zieda ta' hmistax fil-mija (15%) jinnota illi l-konvenut baqa’ fil-post wara li ghalqitlu l-kera. Is-sid ghamilha cara dwar kera jixtieq hlas ta’ kera. Il-konvenut jikkonferma illi baqa’ ma tahx risposta lis-sid. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi din iz-zieda ghandha tithallas ghaliex il-konvenut baqa’ fil-fond.

Fid-dawl ta’ dan kollu t-Tribunal jilqa’ it-talba tal-attur fl-ammont komplessiv ta’ disa` mija disgha u tmenien ewro u wiehed u tletin centezmu (€989.31) flimkien ma` mitejn u erbgha u sittin ewro (€264) ghat-tindief u mija u sebgha u disghin ewro u erbghin centezmu (€197.40) ghas-sid u jammontaw ghal elf, erba` mija u hamsin ewro (€1,450) u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta` elf, erba` mija u hamsin ewro (€1,450) lill-attur.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**